Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

# *Rapport Amministrattiv Annwali*

## *Għas-Sena 2013*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri s-sena 2013.

Matul din is-sena, il-Kunsill kien f' żewġ leġislaturi differenti, wara l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Marzu. Fil-bidla tal-leġislattura, mill-Kunsill niżlu is-sur Giovann Gatt u is-Sinjura Maria Said, li il-Kunsill jixtieq jirringrazzja pubblikament tax-xogħol fejjied li wettqu.

Il-Kunsill preżenti tas-7 Leġislatura, li huwa ffurmat mis-Sur Paul Vella, Sindku, is-Sur Eman Vella, Deputat-Sindku, is-Sur Clayton Gauci, is-Sinjura Elizabeth Ebejer u is-Sur Mario Sammut bħala Kunsilliera.

Il-Kunsill Lokali huwa kommess sabiex ikun ta' servizz lejn il-kommunita' u għaldaqstant, minbarra l'irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganiżża u jmexxi attivitajiet bl-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalita'. Dawn li ġejjin huma parti minn dawn l-attivitajiet u avvenimenti li seħħew matul is-sena 2013.

Wara il-ħatra tal-Kunsill fil-Berġa ta' Kastilja, issejħet immedjatament l-ewwel seduta tal-Kunsill, li fiha ttieħed il-ġurament tal-ħatra tas-Sindku u d-Deputat Sindku. Din is-seduta seħħet fit-2 ta' April.

B' kollox, matul l-2013, issejjħu 14 -il seduta : 4 tas-6 Leġislatura u 10 tal-Kunsill il-ġdid.

### Ġieħ l-Imġarr

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalita' hija l-lejla ta' 'Ġieħ l-Imġarr' fejn fiha nies li jkunu ħadmu b' risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu, jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Fl-attivita' tal-2013, m' għanata l-ebda Ġieħ  iżda ingħataw 4 Rikonnoxximenti, lil Marija Abela, Suor Amabile Hili, Maria Camilleri u Marija Bellizzi.

### Iffirmar tal-ftehim tal-proġett tar-restawr tal-Fortifikazzjonijiet ta' L-Għasfura, qrib Fomm ir-Riħ.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

F' Diċembru, wara diversi xhur ta' koordinament u stennija, sar l-iffirmar tal-ftehim ta' kooperazzjoni dwar l-iżvillupp tal-proġett ta' restawr tal-frotifikazzjonijiet taz-zona ta' L-Għasfura, qrib Fomm ir-Riħ.

Dan il-proġett se jkun qed jibdel sit storiku abbandunat u imġarraf f' sit ta' rikreazzjoni u edukazzjoni. Għall-dan il-proġett il-Kunsill daħal fi' sħab mal-HSBC Malta Foundation, l-Institute of Earth Science tal-Universita' ta' Malta kif ukoll in-Nature Trust. Dan is-sit ġie devolut lill-Kunsill Lokali tal-Imġarr mid-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern. il-ftehim ġie ffirmat f' attivita' apposta fil-bini tal-Kunsill taħt il-patroċinju tas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali, l-Onorevoli Jose' Herrera.

**Konferenza konkluzziva tal-Proġett Cypfire**

F' Mejju ġiet organizzata il-konferenza li ġabet fi' tmiemu il-proġett tal-Med Programme, Cypfire, li kien ilu għaddej għall-3 snin sħaħ. Matulu, il-Kunsill kien f' partnership ma diversi entitjiet oħra minn madwar il-Mediterran fi' studju u riċerka dwar is-siġar taċ-ċipress. Permezz tal-proġett, il-Kunsill irnexxilu jikseb ammonti ta' fondi mill-proġetti tal-Unjoni Ewropeja, liema fondi intużaw fir-riċerka u t-titjib tal-imsaġar taċ-ċipress fil-lokalita' kif ukoll fil-miljorament tal-ambjent naturali tal-madwar.

Il-konferenza kienet inawgurata mill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Ian Borg.

**Festa Frawli**

Attivita' oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta' Festa Frawli, organiżżata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu f' din l-attivita'u din is-sena applika b'suċċess għal-fondi tal-iskema għal inizjattivi

L-attivita' saret tiġbed numru impressjonanti ta' nies minn kull settur tas-soċjeta' fosthom diversi personaġġi distinti, politiċi u din is-sena anke' il-preżenza tal-Prim Ministru u l-familja tiegħu.

**Festival Hidmet Missirijietna**

Attivita' marbuta mal-folklor u tradizzjonijiet lokali hija l-Festival Ħidmet Missirijietna, li ġiet organizzata għar-raba' sena. Dawk li jattendu f' din attivita' jiskopru l-ħidma agrikola bil-metodi ta' missirijietna. Il-protagonisti f'din l-attività kienu l-qiegħa tal-qamħ tradizzjonali fl-għelieqi u l-ħart bil-bhejjem. Il-Kunsill irnexxillu japplika b' suċċess għall-fondi minn skemi ta' inċentivi mill-Gvern.

***Sindku** : Paul Vella **Viċi Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv** : Cyprian Dalli*

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

**Lejla Mġarrija**

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti matul ix-xhur tas-sajf hija l-Lejla Mġarrija. Din hija attivita' popolari ħafna u tkun mistennija minn bosta Maltin. Bl-organiżżazzjoni tal-Kummissjoni Lejla Mġarrija, il-Kunsill Lokali jagħti sehem u jgħin f' din l-attivita'. Wirjiet ta' ħxejjex u frott, ta' makkinarju antik, ta' karrozzi antiki kif ukoll snajja tradizzjonali u varjeta' jagħtu l-ħajja lil din l-attivita' li tkompli tixhed l-impenn tal-Kunsill biex jisalvagwardja l-identita' unika tiegħu.

**Korsijiet**

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi aktar tagħlim extra-kurrikulari fost il-popolazzjoni tal-lokalita'. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għall-setturi varji tas-soċjeta'. Saru korsijiet ta' crafts, dekorazzjonijiet tal-kejkiet u pasti, korsijiet tal-fotografija, kif ukoll diversi taħdiet edukattivi fil-bini tal-Kunsill.

**Restawr**

Il-Kunsill għandu għall-qalbu l-binjiet storiċi li għaddewlna missirijietna u għalkemm ir-restawr ta' dan it-tip ta' postijiet joffri sfidi konsiderevoli, speċjalment ta' natura finanzjarja, il-Kunsill xorta jipprova bla heda biex jieħu ħsieb ta' dawn il-postijiet.

Barra l-proġett tar-restawr tas-sit ta' l-Għasfura, msemmi aktar qabel, il-Kunsill ħa ħsieb japplika wkoll għall-fondi mingħand il-Gvern għall-restawr ta' postijiet storiċi. Fil-fatt il-Gvern hu kommess li jagħti għajnuna għar-restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Binġemma kif ukoll għall-rinnovament tas-Salib tad-Dejma biswit il-knisja parrokkjali.

**Toroq**

It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-handymen, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali. Fost is-sejħiet għall-offerti maħruġa kienet dik għall-xogħol ta' patching fit-toroq.

Proġett ieħor li sewa' ħafna ħin u xogħol kien dak tar-resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Il-kunsill kien applika għall-din l-iskema matul is-sena2010 imma minħabba diversi nuqqasijiet tal-kuntrattur dan ix-xogħol qatt ma twettaq. Saru numru ta' laqgħat u diskussjonijiet mal-entitajiet u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u fl-aħħar il-Kunsill ħareġ sejħa oħra. Minħabba il-prezz eżorbitanti tal-istimi il-Kunsill ma setax jagħmel it-toroq kollha li xtaq imma lejn tmeim is-sena saru tlett toroq : l-Amarozz, l-Aruna u il-Karamelli. Ban il-proġett ser jiswa lill-Kunsill kważi kwart ta' miljun Ewro u ser ikollu impatt serju fuq il-finanzi tal-Kunsill matul is-snin li ġejjin, kif ser naraw aktar 'il quddiem waqt l-estimi finanzjarji.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

**Aċċess għat-Tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat**

Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri s-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin kull nhar ta' Tlieta. Illum wieħed jista' jaqta' l-biljetti mill-Kunsill Lokali u jżur dawn it-tempji kull nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt. Il-Kunsill kellu wkoll diversi laqgħat ma' Heritage Malta biex jiġi esplorati metodi u proċeduri li jkomplu jtejbu dan is-servizz.

**Vaċċin tal-Influwenza**

Il-Kunsill offra għal-darb' oħra is-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza. Hafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

**Hampers tal-Milied**

Fil-ġimgħat tal-Milied reġa' sar it-tqassim tal-Hampers lil madwar 30 persuna bi bżonnijiet speċjali. Dan hu ġest li jiġi apprezzat ħafna minn dawn il-persuni. Saru wkoll viżti mill-Kunsilliera lill-nies mill-Imġarr li jinsabu fid-djar tal-anzjani.

**Esibizzjonijiet Kulturali**

Matul l-2013 komplew isiru diversi eżibizzjonijiet kulturali fil-bini tal-Kunsill. Numru ta' eżibizzjonijiet kien mtella' b' relazzjoni mat-Tempra Contemporary Art Museum ospitat fil-bini tal-Kunsill. Pitturi minn madwar id-dinja ikollhom l-opportunita' li jeżibixxu l-arti tagħhom fl-ispazji ta' dan il-bini, permezz tal-ħidma ta' Dame Francoise Tempra.

Eżibizzjoni oħra interressanti u informattiva kienet dik dwar il-Preistorja u l-istudju dwar l-ekwinozzji u t-tqassim tax-xhur tal-bniedem preistoriku. Saru diversi taħdiet dwar dan is-suġġett.

**Ċentru ta' Matul il-Jum**

Wieħed mill-aktar proġetti għall-qalb il-Kunsill kien il-varar taċ-ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani. Dan beda jopera fl-aħħar ġimgħat tal-2012 u diġa qed igawdi minn numru ta' frekwentaturi entużjasti ta' kull ġimgħa. Matul il-jum l-anzjani jkunu jistgħu jattendu, jitgħallmu, jagħmlu ħbieb u jiskopru talenti ġodda. Il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita' kien strumentali fit-twaqqif ta' dan iċ-ċentru.

Dan iċ-ċentru kien miftuħ uffiċċjalment nhar it-Tlieta 26 ta' Frar li ġej, mill-Prim Ministru ta' dak in-nhar u mbierek mill-Kappillan tal-parroċċa.

**Website u Social Networking**

Matul din is-sena il-Kunsill ta spinta fejn tidħol it-teknolġija tal-informatika. Wara il-varar ta' website ġdida u moderna fl-2012 – www.mgarrlc.com, matul l-aħħar sena ingħatat dehra ġdida ukoll lill-paġna u l-profil tal-Kunsill fuq is-social network site – facebook. Dan kollu jgħin biex tingħata aktar informazzjoni lil dawk kollha li għandhom għall-qalbhom il-lokalita' tagħna. Avviżi, notifikazzjoni u avvenimenti kollha jiġu rreklamati fuq il-paġna li hija segwita minn madwar 600 persuna.

Barra minn hekk sar investiment ukoll fis-sistemi tal-Kompjuter tal-Kunsill kemm fejn jidħol ħardware kif ukoll software u programmi li jżzidu l-effiċjenza. Fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun qed isir investiment f' kompjuters aktar b' saħħithom biex illaħqu mad-domanda tax-xogħol dejjem tiżdied.

**Il-Miġbħa**

Il-Kunsill ħħaseb li jniehed 2 edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni tiegħu 'Il-Miġbħa' matul l-2013. Din l-aħħar sena din il-pubblikazzjoni ingħatat spinta 'l quddiem fil-kontenut u fil-kwalita'. Permezz tagħha, il-Kunsill iżomm kuntatt mar-residenti u fl-istess ħin joffri spazju fejn l-għaqdiet tal-lokalita' u Mġarrin ikunu jistgħu iwasslu l-messaġġ dwar l-involviment tagħhom fil-ħajja soċjali Maltija.

**Ġurnata Ewropeja tal-Kooperazzjoni**

F' Settembru il-Kunsill organnizza attivita' għat-tfal in konnessjoni mal-Ġurnata Ewropeja tal-Kooperazzjoni. Matul din l-attivita' numru sabiħ ta' tfal mill-lokalita' ittieħdu fl-imsaġar taċ-ċipress u ingħatatilhom spejegazzjoni edukattiva u nteressanti. It-tfal ukoll kellhom l-opportunita' jitgħallmu aktar u jagħmlu crafts marbutin mat-tema tal-ambjent. Attivitajiet bħal dawn huma mportanti biex ixettlu sens ċiviku fil-ġenerazzjonijiet ġodda.

**Laqgħat għall-Għaqdiet**

Matul is-sena saru wkoll taħditiet u lagħat għall-membri tal-għaqdiet volontarji tal-lokalita'. Dawn jgħinu sabiex ikun hemm sens ikbar ta' kooperazzjoni bejn l-entitajiet kif ukoll sabiex dawn l-għaqdiet jitemxxew aktar b' mod serju u professjonali.

**Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ u l-Kampanja Vote 16**

Matul l-2013, l-amministrazzjoni il-ġdida ħabbret it-tnehdija tal-kampanja Vote 16, li permezz tagħha ser ikun qed jingħata id-dritt tal-vot liż-żgħażagħ minn 16 -il sena 'l fuq. Barra minn dan il-Kunsill agħżel lis-Sinjorina Elaine Vella bħala l-Ambaxxatriċi taż-

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Żgħażagħ għal-lokalita'. Is-Sinjorina Vella ħadet il-ġurament tal-ħatra fil-belt, akkumpanjata mis-Sindku.

**Youth Exchanges**
Matul l-2013 il-Kunsill kien involut fi' 3 Youth Exchanges, fil-Portugal, fil-Polonja u fl-Olanda. B' kollox ipparteċipaw 21 persuna u 5 mexxejja. Dawn kienu jittrattaw temi edukattivi bħall-ħajja aktar b' saħħitha u l-importanza tal-ambjent. Permezz ta' dawn l-iskambji, iż-żgħażagħ jitħalltu ma' nies oħra t' amparhom minn artijiet u kulturi differenti u dan jgħinhom jinfetħu għall-aktar ideat u innovvazzjonijiet, barra minn ħbiberiji ġodda.

**Kooperazzjoni ma' Lokalitajiet Barrannin**
Matul l-2013, il-Kunsill ħaseb li jistabillixxi u jesplora metodi ta' kooperazzjoni ma' lokalitajiet differenti barra minn xtutna. Membri tal-Kunsill, permezz ta' fondi personali, żaru il-belt ta' Morbach fil-Ġermanja, Castelmola fi' Sqallija u Lagosanto fl-Italja. Hemm il-ħsieb li jinbeda' l-proċess ta' kooperazzjoni ma' wieħed minn dawn il-lokalitajiet għall-benefiċċju tal-lokalita' u tal-Imġarrin.

**Żjara ta' Kortesija tal-Konslu Malti fl-Istati Uniti, is-Sur Louis Vella**
Il-Kunsill kien onorat bil-preżenza tal-Konslu Malti fl-Istati Unit, is-Sur Louis Vella waqt waħda mil-laqgħat tal-Kunsill matul is-sajf li għadda. Is-Sur Vella tkellem fit-tul dwar possibilitjiet ta' kooperazzjoni bejn nies mill-Imġarr u iz-zona ta' California u San Francisco fejn hu residenti.

**Taħditiet Kulturali**
F' Diċembru li għadda saret it-tnehdija ta' sensiela ta' taħditiet informattivi fil-bini tal-Kunsill. Dawn it-taħditiet ikopru oqsma differenti tal-ħajja, fosthom l-istorja, il-kultura, u saansitra dak kulinarju. L-ewwel laqgħat kellhom attendenza inkorraġġanti ħafna u dan juri kemm inizzjattivi bħal dawn huma apprezzati mill-Imġarrin.

**Konkos f' mogħdijiet tal-għelieqi**
Matul l-2013, u wara li l-Kunsill irnexxilu jattira fondi mill-Majjistral Action Group, ingħata il-konkos lill-numru ta' mogħdijiet u passaġġi fl-għelieqi biex jagħtu aċċess aħjar lill-bdiewa u l-inġenji tagħhom.

**Beach Cleanups**
Matul is-sajf saru numru ta' Beach Cleanups fil-bajjiet tal-Imġarr. Dawn saru fuq bażi volontarja minn għaqdiet ta' studenti u ħaddiema. Il-Kunsill ħa ħsieb jipprovdi koordinament u l-iskips biex tneħħa l-imbarazz kollhu li tneħħa.

**Manutenzjoni tal-Bandli**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Matul l-2013 sar diversi xogħol ta' manutenzjoni u immodernizzar tal-bandli fi' Triq l-Alwiża u fi' Ġnien Skorba. Partijiet li kienu bil-ħsara issewwew, tkabbret l-arja tal-logħob, sar tqassim aħjar tal-equipment u ser ikun qed jinbidel l-art ratba fil-ġimgħat li ġejjin. Twaħħlu wkoll gradi biex ikun hemm sigurta' għat-tfal f' dawn il-postijiet.

**Servizzi offruti fil-Kunsill**

Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta' persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta' servizzi li llum indraw bħal ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart riċiklat qed ikun ta' utilita' kbira għar-residenti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta' skart għal ġid tal-ambjent u sabiex niffrankaw fondi li jintużgħaw biex jintrema' l-iskart. Għal-dan il-għan, il-Kunsill beda' mis-sena l-oħra iqassam kalendarju dwar il-ġbir tal-iskart fil-btajjel pubbliċi għas-sena kollha, biex il-familji ikunu jistgħu jippjanaw bil-quddiem.

Il-Kunsill jirringrazzja wkoll lir-residenti li matul is-sena ikkoperaw bis-sħiħ fil-ġbir ta' skart irriċċiklat, tant li dan il-Kunsill rebaħ rikonnixement għall-parteċipazzjoni għolja fil-proġetti ta' riċiklaġġ.

**Haddiema Klerikali**

Matul is-sena il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom ta' kuljum. Huma jirċievu l-ilmenti u s-suġġerimenti taċ-ċittadini, jiġbru l-informazzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinvolvu ruħhom fil-finanzjamenti, ibiegħu biljetti għas-siti preistoriċi tal-Imġarr, jaqdu lil kull minn iżur l-uffiċċju u jieħdu ħsieb komunikazzjoni effettiva bejn il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-entitajiet varji, u l-membri tal-Kunsill.

**Tenders**

Matul is-sena il-Kunsill ħareġ lista mdaqqsa ta' sejħiet ta' offerti (aktar magħrufa bħala tenders) kif ukoll numru ta' kwotazzjonijiet. Dan biex jassigura effiċjenza, servizz aħjar u mmanniġjar aħjar tar-risorsi tiegħu. Wieħed jittama li dawn il-kuntratti ġodda ikun aktar effiċjenti għall-ġid tal-lokalita' in ġenerali.

***Handymen*** **tal-Kunsill**

Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mix-xogħol fejjiedi li jwettqu ż-żewġ handymen. Matul is-sena jieħdu ħsieb li t-toroq jinżammu f' kundizzjoni tajba permezz ta' patching u manutenzjoni ta' bankini. Jaqtgħu ukoll il-ħaxix b'mod regolari mit-toroq rurali, li minnhom jgħaddu l-bdiewa. Humajarmaw dak kollu meħtieġ biex tiġi organiżżata xi attivita bħal Ġieħ Mġarr, Festa Frawli, u jagħtu kontribut fil-Lejla Mġarrija. Il-Kunsill

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

għadu qed imantni ż-żewġ imsaġar li jinsabu fil-Ġnejna u l-Ballut u l-handymen jaħartu din l-art b'mod regolari. Dawn jieħdu ħsieb jibnu xi slieħi li jkunu waqqgħu.

**Konklużjoni**
Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan kollu jkun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal.

Cyprian Dalli
**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku*** *: Paul Vella* ***Viċi Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv*** *: Cyprian Dalli*